MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 169/1999/1

**Joseph Vincent Rausi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rausi Insurance Services Limited u dawn bhala agenti tad-ditta estera G.D. Williams Lloyds Syndicate kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Godfrey Cremona-Smith u l-istess Godfrey Cremona Smith**

**Vs**

**Emanuel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine et is-somma ta' disa' mija hamsa u hamsin lira u tmintax-il centezmu (Lm955.18) in linea ta' danni li huma sofrew bhala rizultat tal-kollizjoni li

grat San Gwann fl-20 ta’Marzu, 1997 meta l-Honda numru V-1956 u ta’ l-attur Godfrey Cremona-Smith u assikurata fuq comprehensive cover ma’ l-attur Joseph Vincent Rausi nomine ntlaqtet mill-Fiat numru GAH 072 misjuqa mill-konvenut, u dan prevja dikjarazzjoni li l-incident sehh b’tort u htija tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Awissu, 1997 kontra l-konvenut u l-assikuraturi tieghu, u dawk ta’ l-ittra ufficjali kontra l-assikurati tal-konvenut li giet prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ Marzu 1997 f’San Gwann bejn l-eccipjenti u Godrey Cremona Smith ma’ garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort u htija ta’ Godfrey Cremona Smith, l-assikurat tal-attur, li waqt li kien qed isuq il-vettura numru V-1956 hareg minn go triq sekondarja minghajr ma’ waqaf bir-risultat li habat mal-gemb tal-vettura tal-eccipjenti li dak il-hin kienet qed tinsab regolarment go Triq Willie Apap, San Gwann u dana kif kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma’ garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-atturi in linea ta’ danni, liema danni f’kwalunkwe kaz kif mitluba huma ezagerati.
3. Illi in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.
4. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-Ispettur Mario Tonna</u>, li investiga dan il-kaz, xehed (a fol 12 et seq tal-istess atti) illi dan l-incident gara fl-20 ta’

Marzu 1997 ghall-habta tat-2.40pm u dwar l-istess kollisjoni hu esebixxa l-annessi skizz u rapport. Fuq l-istess skizz, jidhru l-vetturi involuti fih cjoe dik misjuqa mll-attur hierga minn Triq Salvu Busuttil, San Gwann u thares lejn Triq Robert Caruana, Dingli waqt li dik misjuqa mill-konvenut tidher li minn Triq in-Naxxar ossija Vjal ir-Rihan qed tipprocedi lejn Triq Willie Apap. Hemm imnizzel ukoll fejn kien hemm karozzi parkeggjati f'Triq Salvu Busuttil u f'Triq Willie Apap. Fuq ir-rapport esebit, jidher li l-konvenut kien stqarr wara l-incident illi kien qed jipprocedu minn Triq Robert Caruana Dingli ghal go Triq Willie Apap (fuq il-lemin) meta l-vettura l-ohra harget minn Triq Salvu Busuttil u saret il-habta. Da parti tal-attur dan stqarr illi kien ser jsuq minn Triq Salvu Busuttil ghal go Triq Robert Caruana Dingli meta dahlet il-vettura misjuqa mill-konvenut u saret il-habta. Dwar l-imsemmi skizz, pero', l-attur (fol 21 ibid) iddikjara li dan id-dokument hu 'hazin' u in sostenn ta' dan hu esebixxa skizz 'rough' maghmul minnu stess (a fol 23 ibid). Fuq dan id-dokument jidher li l-attur indika li, filfatt, kien hiereg minn Triq Salvu Busuttil waqt li l-konvenut hu muri bhala niezel minn Triq in-Naxxar. Inoltre Triq Willie Apap hi deskritta bhala 'Imharbta' u 'zghira'. Meta l-istess attur xehed (fol 21 u fol 22 ibid), hu qal illi kien intenzjonat li jidhol f'Triq Robert Caruana Dingli izda 'Kont ghadni l-boghod sabiex nasal f'din it-triq'. Minn fuq il-lemin tieghu, giet il-vettura misjua mill-konvenut sabiex, skond dejjem l-attur tinsaq ghal go Triq Willie Apap. Hu kompla billi qal illi meta ra l-vettura l-ohra, hu waqaf izda '… baqa' diehel (il-konvenut) go fiha'. Dwar l-iskizz maghmul minnu (fol 23) hu sostna illi l-posizzjoni tat-toroq kif murija fuq l-iskizz maghmul mill-pulizija msemmi huma '.. totalment zbaljati'. Skond hu, l-istess jinghad ghall-qisien tat-toroq. Sussegwentement, wara li qal illi 'Ma jidhirlix li … Triq Willie Apap kienet tinfed' hu indika, bi vlegga, maghmula quddiem l-istess Qorti, '… ma fejn kont gej jiena u minn fejn kien gej il-konvenut', kif hawn fuq gja spjegat.

Illi l-konvenut li jirrisjedi fl-inhawi ta' fejn gara l-incident, (fol 29 u fol 30 ibid) bl-ebda mod ma kkontesta l-iskizz tal-Pulizija esebit u filfatt 'Muri l-iskecc jiena nghid li naqbel mal-iskecc'. Inoltre, hu kien intenzjonat '… li nkompli

miexi ghad-dritt fit-triq tieghu, (presumibilment Vjal ir-Rihan’ ghal go Triq Willie Apap …. ‘ din tal-ahhar deskritta minnu bhala ‘… ftit imharbta’. Hawnhekk, f’daqqa wahda, harget vettura ohra, li ma waqfetx, minn-naha tax-xellug tieghu cioe minn Triq Salvu Busuttil. Hawnhekk, hu ghafas il-pedala tal-‘brake’ izda ghal xejn.

Ikkunsidrat

Illi kif jinghad a fol 33 ibid, l-istess Qorti, informalment marret tara’ l-post tal-incident minhabba dak li gie allegat dwar l-iskizz tal-Pulizija. Difatti, jidher minn dak li gie kostatat fuq il-post illi l-iskizz maghmul mill-Pulizija hu inezatt u, effettivament, dak maghmul mill-attur juri u jirrifletti, b’mod aktar preciz, il-lokalita tal-incident u fejn, mod aktar ezatt huma sitwati t-toroq fl-istess lokalita u ghalhekk il-Qorti ser tirreferi ghall-iskizz maghmul mill-attur.

Illi, dan premess, jigi ripetut illi l-attur asserixxa illi kien hiereg minn Triq Salvu Busuttil ‘..sabiex ndur lejn ix-xellug’ sabiex jidhol f’Triq Edward Caruana Dingli. Pero minn naha tal-lemin kienet giet il-vettura l-ohra, sabiex, skond hu, tidhol f’Triq Willie Apap. Meta ra’ hekk hu waqaf izda l-iehor dahal go fih. Il-konvenut da parti tieghu qal li kien intenzjonat li ‘…. Nkompli miexi fit-triq tieghu ghal go Triq Willie Apap … pero hargitli karozza minn fuq ix-xellug tieghi’ ossija minn Triq Salvu Busuttil. Hu sostna ukoll li ma kellux bzonn li jixghel l-‘indicator’ ghax kien ‘…sejjer ghad-dritt’.

Ikkunsidrat

Illi, skond l-iskizz maghmul mill-attur u a bazi ta’ dak li xehed l-istess konvenut hu, probabilment kien gie mid-direzzjoni ta’ Naxxar Road (Vjal ir-Rihan) u kien ser jilwi lejn ix-xellug tieghu ghal go Triq Willie Apap. Dan jfisser li hu, filfatt, ma kienx sejjer ghad-dritt, kif xehed, izda kellu jdur lejn ix-xellug tieghu u konsegwentement kien mehtieg illi jixghel ‘l-indicator’ tieghu sabiex jindika l-bdil fid-direzzjoni. Pero dan ma sarx minnu. Fil-fehma tal-Qorti, f’dan il-kaz li ma kienx facli sabiex jigi deciz minhabba l-

iskizz zbaljat maghmul mill-Pulizija, dan hu il-fattur li kkawza dan l-incident peress li l-attur, li kien hiereg minn Triq Salvu Busuttil ma setax kien jaf li l-konvenut kien ser jilwi lejn ix-xellug ta' dan.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-'quantum' li ma giex kontestat, issir referenza ghal fol 19 u fol 20 tal-istess atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba tort u htija da parti tal-istess konvenut u a bazi ta' traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tieghu.
2. Tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' Lm955.18 ossija €2224.97
3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine u lill-attur is-somma, hekk likwidata, ta' Lm955 ossija €2224.97 bl-imghax legali mid-19 ta' Awissu 1997 sad-data tal-pagament effettiv kif ukol l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 1997 u ta' dik tal-5 ta' Frar 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------